## Lestejtu kollox biex tmorru jum fil-kampanja. Iżda għamlet ix-xita u kellkom tibqgħu d-dar. X'għamiltu minflok?

**Sewwa jgħidu li xemx u xita Alla jaf meta. Jien u l-familja kollha tgħidx kemm kien ilna nippreparaw biex immorru nqatgħu jum fil-kampanja. Imma meta waslet il-ġurnata ħassarna kollox għax bdiet nieżla xita bil-qliel.**

**Dħalt fuq ponot subgħajja fis-salott u malajr bdejt inqalleb l-album tar-ritratti. F'ħakka t'għajn il-familja kollha inġabret fis-salott. Ma stajtx inżomm bid-daħk meta rajt lin-nanna tiżfen man-nannu b'takkuna mgħola hawn.**

**Malajr waqaft mid-daħk meta rajt ir-ritratt taz-ziju Vitor. Il-familja kollha qabżitilha demgħa minħabba li dan kien l-egħżeż ziju għalija u għall-familja kollha. Kien hu li xtrali r-rota u li baqa' baqa' sakemm għallimieli. Mur għedlu li kien se jħallina ftit taż-żmien wara.**

**X'ħin dawwart il-paġna għajni marret fuq ir-ritratt tan-nannu. Kellu ħmar niexef qisu aringa b'xi dubbien idur miegħu. Aħna dejjem konna ngħidulu li kien marid iżda hu kien jgħidilna li aħna ma nifhmux fil-ħmir. Naħseb li aħna kellna raġun għax il-povru ħmar malajr mietlu.**

**Fl-aħħar imma mhux l-inqas ġie r-ritratt taż-żwieġ ta' ommi u ta' missieri. Dawn malajr bdew jgħidu l-praspar li kienu ġraw f'dak il-jum. Jien ġietni l-kurżità u bdejt nistaqsi fuq kollox. Lanqas stajt nieqaf inrodd is-slaleb meta qaluli kif ommi kienet żelqet bil-libsa tat-tieġ u minn bajda karti ġabitha sewda. Fl-aħħar lkoll morna nieħdu belgħa kafè peress li griżmejna kienu xxuttaw sew.**

**Sewwa jgħid il-qawl Malti li kull deni ħudu b'ġid. Għalkemm ma morniex dawra fil-kampanja xorta ħadna gost u, ngħid għalija, naħseb li ġietna aħjar għax b'dak kollu li qalu ommi u missieri żgur konna nagħmlu xi waħda minn tagħna kieku morna fil-kampanja.**

---